MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 917/2005

**Jesmond Falzon**

**vs**

**Carmelo Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta’ Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ mija tnejn u sebghin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm172.66), jew somma verjuri li tigi likwidata mill-istess Tribunal, rapprezentanti bilanc minn paga, *notice* u *leave* dovuti lill-attur in konnessjoni ma’ l-impjieg tal-attur mal-konvenut matul is-sena 2004.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew npprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mija tnejn u sebghin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm172.66), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------